MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2004

Appell Kriminali Numru. 200/2003

Il-Pulizija
(Spt. M. Bonnici)
Vs

Marco Attard

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-13 ta' Marzu, 2003 :
1) naqas li jaghti l-manteniment lil martu Rita Attard skond digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili numru 969/2002 datat 10.7.2001 moghti mill-Onor. Imhallef Dr. J.D. Camilleri LL.D, bhala manteniment ghal martu Rita Attard u ghal uliedu minuri;
2) u aktar talli fl-istess data ghall-habta ta' 4.00 p.m. naqas li jobdi l-ordni legittima tal-Pulizija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-24 t’Ottubru, 2003 li biha, ma sabitx lill-akkuzat hati tal-akkuzi kif dedotti w illiberatu mill-akkuzi in ezami.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fl-4 ta Novembru, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija tal-istess appellat f’dawn l-akkuzi, u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti processwali ;

Rat illi l-aggravji tal-appellant , l-Avukat Generali, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe’ :-

Illi l-Ewwel Qorti erronjament iddecidiet li r-reita’ kienet tiddependi fuq il-fatt jekk id-Digriet emanat mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili ma kienx gie segwit bl-azzjoni ghas-separazzjoni fit-terminu preskritt mil-ligi. Illi pero’ kif gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti , anki meta ma jibdewx il-proceduri ghas-separazzjoni entro t-terminu preskritt dan ma jnaqqas xejn mill-ezistenza w l-validita’ legali ta’ ordni ta’ Qorti ghall-hlas ta’ manteniment .

Semghet ix-xhieda waqt l-udjenza tat-22 ta’ Jannar, 2004,

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur ;

Rat il-verbal registrat fl-istess seduta li bih il-Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghat-18 ta’ Marzu, 2004, bil-fakolta’ li l-Prosekuzzjoni tipprezenta nota ta’ riferenzi dwar gurisprudenza u li d-difiza li tipprezenta b’nota kopja tal-abbozz tal-minuta tas-separazzjoni kontrassenjata miz-zewg avukati ;

Rat in-Nota ta’ referenzi tal-Prosekuzzjoni tat-22 ta’ Jannar, 2004;

Rat in-nota bid-dokumenti annessi maghha pprezentata mill-appellant illum stess;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-lum li bih Dr. Herrera ghall-appellat informa lill-qorti li la-appellat Marco Attard u martu Rita Attard kienu ftehmu fuq kollox u li l-appellat kien ipprezenta fir-Registru abbozz tal-minuta tal-kuntratt ta' separazzjoni u li kienu mexjin il-proceduri biex tinkiseb l-approvazzjoni ta' l-istess minuta;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat ;

Illi bhala fatti jirrizulta mix-xhieda ta' **RITA ATTARD** li l-appellat ma kienx hallas il-manteniment ghax-xahar ta' Marzu, 2003 imsemmi fic-citazzjoni , pero' xehdet ukoll li hi kienet fi trattattivi mall-appellat biex hi zzomm il-post fejn toqghod u l-appellat ihallasha erbghin lira minnflok mitt lira . Pero' l-kuntratt kien ghadu ma nkitibx.

Imbaghad irrizulta mid-depozizzjoni ta' **PC 645 GERRY ATTARD** li wara li Rita Attard f' Marzu , 2003 kienet marret l-ghassa l-Hamrun u rraportat li l-appellat ma kienx taha l-manteniment skond Digriet numru 969 tas-sena 2001 , hu kien campel lill-appellat u dan kien qallu li ma jrid jatiha xejn ghax martu kellha ragel iehor u kienet anki tqila minnu. Meta hu qal lill-appellat biex imur l-ghassa halli jitkellmu personali minnflok fuq it-telefon, l-appellat kien qallu li ma riedx imur. U dana ghalkemm kien qallu li qed jordnalu li jmur . Ghalhekk irraportah fuq li ma obdiex l-ordni legittima tieghu.

*Quddiem l-Ewwel Qorti kien gie esebit id-Digriet relattiv tas-Sekond' Awla numru 969/2001moghti fl-10 ta' Lulju, 2001, (fols.6,7 u 8) izda Dr. Herrera ghall-appellat kien eccepixxa li dad-Digriet ma kienx ghadu "in vigore" stante li kien ghadda l-periodu perentorju ta' tlitt (3) xhur (Sic!) u ma giex segwit b'citazzjoni.*

F’dan l-istat ta’ provi jidher li bhala fatt jirrizulta l-fatt li ma sarx il-hlas skond id-digriet kemm mix-xhieda ta’ Rita Attard kif ukoll mill-ammissjoni li l-appellat ghamel ma PC Attard. Irrizulta ukoll li meta ordnat biex imur l-ghassa mill-kuntistabbli halli jitkellmu , l-appellat ma marx. Ghalhekk fuq il-fatti ma hemmx kontestazzjoni w l-kwistjoni kollha hija ta’ indoli legali.

Illi l-Ewwel Qorti mmotivat id-decizjoni appellata billi qalet li mix-xhieda ta’ Rita Attard moghtija quddiema kien irrizulta li d-Digriet ma kienx gie segwit bil-proceduri relattivi permezz ta’ citazzjoni quddiem il-Prim’ awla tal-Qorti Civili entro il-periodu ta’ xaharejn jew f’ xi terminu estiz u ghalhekk ma kienx ghadu “in vigore” u dana ghab-bazi tal-artikolu 480 (4) tal-Kap.12.tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi in sostenn tal-appell tieghu l-Avukat Generali ccita l-gurisprudenza kostanti ta’ din il-Qorti diversament preseduta u partikolarment is-sentenza fl-ismijiet “**Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar** “ [2.9.1999] fejn jintqal testwalment hekk :-

**“L-aggravju hu li l-Prosekuzzjoni ma gabitx prova li d-Digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili ghadu fis-sehh (jew kien ghadu fis-sehh) fil-periodu li ghalih tirriferi l-ewwel *imputazzjoni w dana peress li ma saritx il-prova li l-kawza fil-kontenzjuz ma saritx fiz-zmien utili ta’xaharejn .”......”Din il-Qorti wara li rat is-sentenzi (*****Pol. vs. Lawrence Cutajar* ***- 10.3.1995*** *u Pul. vs. Carmelo Farrrugia* ***23.1.98 ) u wara li rat l-argumenti kollha migjuba mill-appellant fir-rikors tieghu hi tal-fehma li ma tistax taqbel mall-appellant . Ordni ghall-hlas ta’ manteniment kontenut f’Digriet moghti mis-Sekond’ Awla jibqa’ validu ghall-fini w effetti kollha tal-art. 338(z****)* *irrispettivament minn jekk ic-citazzjoni quddiem il-Prim’ Awla gietx intavolata, kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond’ Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew ta’ dikjarazzjoni ta’ Qorti ohra kompetenti li dak id-Digriet jew dak l-ordni kien null . “*

*"Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova :-*
*1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-Digriet* bhal ma sar f'dan il-kaz , jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza , kopja legali tas-sentenza relattiva.)
*2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni , kellha tithallas is-somma ."Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova , jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita' li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni* . "

Din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza Taghha diversament preseduta fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Mario Mallia**" (8.5.1998) fejn ukoll gie ritenut :-

*"....ghal finijiet ta' kawza penali meta l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali fil-paragrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kap.9 , hu rrilevanti meta giet intavolata l-kawza ta' separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad-digriet originali ; galadarba l-ordni kontenut f' dak id-Digriet ma kienx gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla jew mill-Prim' Awla ( u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta'dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni ghall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali -- ara f'dan is-sens* ***"Il-Pulizija vs. Lawrence Cilia*** *(App. Krim. 10/3/95 , u* ***l-Pulizija v. Carmelo Farrugia,*** *App. Krim. 23.1.1998. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint."*

Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza kostanti li maghha taqbel din il-Qorti kif preseduta , jidher li l-aggravju tal-Avukat Generali dwar il-liberazzjoni mill-ewwel imputazzjoni jidher li hu fondat u qed jigi milqugh.

*Illi dwar it-tieni imputazzjoni , fis-sentenza appellata ma hemm ebda motivazzjoni ghala l-appellat kien qed jigi liberat minnha . Issa din l-imputazzjoni hi ghal kollox differenti w indipendenti mill-ewwel wahda u zgur li l-*

*liberazzjoni tal-appellat mill-ewwel imputazzjoni ma kellhiex awtomatikament u necessarjament twassal ghall-liberazzjoni mit-tieni imputazzjoni .*

Mill-banda l-ohra pero' din il-Qorti , fl-assenza ta' xi pronuncjament espress tal-Ewwel Qorti ghala kienet ukoll qed tillibera lill-appellat mit-tieni imputazzjoni , ma tarax li jirrikorru l-elementi w rekwiziti biex l-Avukat Generali jkollu d-dritt t' appell fir-rigward tat-tieni imputazzjoni a tenur tal-artikolu 413 (1) tal-Kap.9. Illi fir-rikors tal-appell hija karenti ghall kollox kull riferenza , kemm bhala fatti fil-qosor kif ukoll bhala aggravji rigwardanti t-tieni imputazzjoni . W ghalkemm *in calce* a fol. 2 tar-rikors tal-appell , l-Avukat Generali semma li kien qed jappella ukoll a bazi tal-artikolu 413 (1A) tal-Kap.9, din il-Qorti ma tarax li dan is-subartikolu japplika biex ikopri appell mill-liberazzjoni mit-tieni imputazzjoni , billi fil-fehma taghha ma tirrikorri ebda wahda mir-rekwiziti msemmija fis-sub-incizi (i)(ii) u (iii) tal-istess biex jirrendu r-reat kontemplat fit-tieni imputazzjoni bhala li **jkollu x'jaqsam mar-reat** kompriz taht l-ewwel imputazzjoni biex b'hekk jaghti dritt t' appell lill-Avukat Generali. Dan ghaliex il-fatt li l-appellat ma marx l-ghassa meta gie hekk ordnat mis-surgent kien ghal kollox distint u separat mir-reat dedott skond l-ewwel imputazzjoni , ma serviex bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess l-ewwel reat u l-prova tal-wiehed jew cirkostanza tieghu bl-ebda mod ma tolqot il-prova tar-reat l-iehor jew cirkostanza tieghu.

Ghalhekk il-Qorti tirrietjeni li l-appell mid-decizzjoni tal-Ewwel Qorti ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni huwa null u konsegwentement mhux qed tiehu konjizzjoni tieghu.

Illi dwar il-piena , mill-fedina penali aggornata tal-appellat - ghall-inqas - jidher li din hija l-ewwel darba li qed jinstab hati li ma hallasx il-manteniment lill-martu ghaliha w ghall-uliedu minuri . Konsidrat dan il-fatt kif ukoll il-fatt li , kif xehdet l-istess mart l-appellat , huma qeghdin fi trattattivi avvanzati biex jikkonkludu separazzjoni bonarja u llum stess sahansitra gie pprezentat abboz tal-istess minuta tal-kuntratt tas-separazzjoni, ma jidhirx li hu l-kaz li din il-Qorti tapplika piena karcerarja w b'hekk tkompli tezacerba

is-sitwazzjoni ta' bejnithom b'riskju li addirittura thassar il-possibilta' ta' arrangament bonarju . Ghalhekk ghalkemm din il-Qorti normalment tiehu veduta serja ta' din il-kontravvenzjoni, fic-cirkostanzi thoss li tkun aktar adegwata piena pekunjarja.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata w tirrevokha fejn sabet lill-appellat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni w minnflok issibu hati taghha w tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat mhux hati tat-tieni imputazzjoni w , wara li rat l-artikoli 338 (z), 7 (2) u 13 (1)(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta , tikkundanna lill-appellat ghall-ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25), konvertibbli f' hamest ijiem detenzjoni jekk ma jithallsux minnufieh.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------